BIRKIRKARA

# KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Lil Membri u l-Ufficjali kollha tal-Kunsill

**Laqgha tal-Kunsill**

Ninfurmakom illi s-Sitta-u- Ghoxrin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Birkirkara qed tigi posposta mis-Sindku, ghan-nhar l-Erbgha 30 ta' April 2008, fis-6:30pm.

Joseph Tabone
Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill

BIRKIRKARA

## KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Lil Membri u l-Ufficjali kollha tal-Kunsill

**Laqgha tal-Kunsill**

Qieghed tigi msejjah biex tattendi ghas-Sitta u Ghoxrin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Birkirkara fl-ufficcji taghhom, li ser issir nhar it-Tnejn, 28 ta' April 2008, fis-6:30pm

Joseph Tabone
Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill

**Agenda**

---

1 **Talba**
2 **Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgha numru 25**
3 **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti**
4 **Approvazzjoni tal-Lista tax-Xiri u Pagamenti numru 19**
5 **Approvazzjoni tal-lista tal-Flus Kontanti**
6 **L-Immanigjar tas-Suq fil-Berah f'Birkirkara**
7 **Korrispondenza**
8 **Hwejjeg Ohra**
9 **Eghluq**

---

**DIN IL-LAQGHA HI MIFTUHA GHALL-PUBBLIKU**

BIRKIRKARA

Din il-laqgha kellha issir nhar it-Tnejn 28 ta' April 2008 imma giet posposta mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghall-Erbgha 30 ta' April 2008.

Minuti tas-Sitta-u-Ghoxrin Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgha, 30 ta' April 2008 mis-6:30p.m. sat-7:59p.m.

| | |
|---|---|
| **Prezenti:** | Il-Membri |
| **Is-Sindku** | Is-Sur Michael Fenech Adami |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sur Mark George Abdilla |
| | Is-Sur Roberto J. Buontempo |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt |
| | Dr George Debattista |
| | Is-Sinjura Mary Spiteri Shaw |
| | |
| | Is-Sinjura Doris Borg --------------- Assenti u Skuzata |
| | Is-Sinjura Joanne Borg --------------- Assenti u Skuzata |
| | Is-Sur Michael Camilleri -------------- Assenti u Skuzat |
| | Is-Sur Sergio Carbonaro -------------- Assenti u Skuzat |
| | Is-Sinjorina Charlene Camilleri ----- Assenti u Skuzata |
| **L-Ufficjal:** | |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Joseph Tabone |

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera s-Sinjuri: Mark G. Abdilla, , Anthony Buttigieg, Roberto J. Buontempo, John Mary Calleja, Dr. Josianne Cardona Gatt, Dr. George Debattista u Mary Spiteri Shaw. Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, u l-Kunsilliera s-Sinjuri : Joanne Borg, Michael Camilleri, Charlene Camilleri u Sergio Carbonaro kienu assenti imma skuzati. Il-Laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami.

Fil-bidu tal-laqgha s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami nforma lill-membri prezenti illi kien gie nfurmat illi kienet mietet omm il-Perit Joe Bugeja. Filwaqt li s-Sindku, l-Kunsilliera u s-Segretarju Ezekuttiv wrew is-soghba taghhom, il-membri prezenti qablu li ghal funeral ghandu jintbghat bukkett fjuri.

Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li l-Kunsilliera s-Sinjorina Charlene Camilleri kienet infurmat lis-Segretarju Ezekuttiv illi hi ma setatx tigi ghal-laqgha minhabba x-xoghol. Hi kienet infurmatu wkoll li kieku l-laqgha saret fit-28 ta' April kif kien ppjanat hi kienet tattendi.

**1. Talba.**

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgha bin- numru 25.**

Il-Minuti tal-Hamsa-u-Ghoxrin Laqgha kienu tqassmu ma' l-agenda w ittieħdu bħala moqrija. Wara li saret korrezzjoni f'paragrafi 8.4 u 8.98, il-minuti ġew approvati bi tmien voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami u sekondat mill-Kunsillier Dr. George Debattista. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera s-Sinjuri Mark G. Abdilla, Anthony Buttigieg, Roberto J. Buontempo, Dr. Josianne Cardona Gatt, John Mary Calleja, Dr. George Debattista, u Mary Spiteri Shaw.

## 3 Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw minn minuti

3.1 Il-Kunsilliera s-Sinjura Mary Spiteri Shaw ghamlet riferenza ghal item 6 fejn ghamlet diversi mistoqsijiet nkonnessjoni mal-promozzjoni moghtija lis-Sinjorina Ruth Stivala. Fit-twegiba tieghu s-sindku qal li dwar din il-promozzjoni l-Kunsill kien ha direzzjoni minghand id-dipartiment ghall-Gvern. Is-Sindku qal li s-Sinjorina Ruth Stivala kienet giet promossa ghall-skala 11 bhalma hi s-Sinjura Dorianne Pulicino. Is-Sindku qal ukoll li ma kien hemm xejn fil-ligi li jghid li fuq l-istess skala m'ghandux ikun hemm aktar minn persuna wahda. Dwar hatra ta' persuna li tkun tista taghmilha ta' Deputat Segretarju s-Sindku qal li l-Kunsill ser jiehu direzzjoni minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali biex naraw ezattament kif inhuma l-proceduri u x'rekwesiti huma mehtiega.

3.2 Il-Kunsillier s-Sur Anthony Buttigieg ghamel ukoll riferenza ghall-item numru 6. Hu staqsa l-Kunsill kienx iccekkja jekk is-Sinjorina Mandy C. Spiteri setatx tigi promossa ghall-skala 13 ? is-sindku s-sur Michael Fenech Adami qal li skond ir-regolamenti is-Sinjorina Mandy C. spiteri kienet tikkwalifika sabiex tigi promossa ghall-skala skala 13 dejjem fuq rakkomandazzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv u bl-approvazzjoni tal-Kunsill. Hu propona li din il-materja ghanda tigi diskussa f'wahda mil-laqghat li gejjien tal-Kunsill. Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

3.3 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg ghamel riferenza ghall-item 8.10. Hu qal li fuq dak li ghandu x'jaqsam mas-servizz dwar il-gbir ta' l-iskart kien qed jizdied it-tgergir. Hawnhekk il-Kunsillier Dr G. Debattista qal li r-rapport dwar l-ilmenti ma kienx juri dan.

3.4 Il-Kunsillier Dr. George Debattista ghamel diversi mistoqsijiet fuq tem 8.9. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal illi t-tarmak fi Triq is-Salib Imqaddes kien ser jibda fil-jiem li gejjien. Dan wara li l-Kunsill kien lehaq ftehim mal-ministeru koncernat li parti mill-ispejjez ihallsuhom huma. Is-Sindku qal ukoll li l-Ministeru tal-Finanzi kiem approva l-ghotja ta' €69881.20 ghal progett ta' l-Istazzjon. L-ittra ufficjali ser nircevuha fil-jiem li gejjien. Dwar il-manutenzjoni tal-latrini pubblici s-sindku qal li l-Kunsill kien aplika mal-MEPA ghall-UIF.

3.5 Il-Kunsillier Dr. George Debattista accena ghall-item 8.12. Hu ssuggerixxa li f'dan il-post isir pitch tal-bocci.Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

## 4 Approvazzjoni tal-lista tax-Xiri u Pagamenti numru 19

Il-listi tax-xiri u l-pagamenti numru 19 kienet tqassmet lill-kunsilliera kollha ma' l-agenda u ttiehdet bhala moqrija. Saru xi mistoqsijiet li ghalihom wiegeb is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami u s-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Joseph Tabone. Wara l-lista tax-xiri u pagamenti bin-numru 19 giet approvata kif gej :

Items mil-1 sal-149 eskluz *items* 3, 6, 7, 8, 18, 19, 20, 21, 22, 23, 24, 25, 28, 29, 47, 49, 64, 65, 77, 92, 97, 99, 103, 110, 131, 148, 149. ġew approvati bi tmien voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami u sekondati mill-Kunsillier is-Sur Mark Abdilla. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera Mark G. Abdilla, Anthony Buttigieg, Roberto J. Buontempo, Dr. Josianne Cardona Gatt, John Mary Calleja, Dr. George Debattista, u Mary Spiteri Shaw.

Items 3, 6, 7, 8, 18, 19, 20, 21, 22, 23, 24, 25,28, 29, 47, 49, 64, 65, 77, **80**, 92, 97, 99, 103, 110, 131, 148, 149. ġew approvati b'seba' voti favur, wiehed kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami u sekondati mill-Kunsillier is-Sur Mark Abdilla. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera Mark G. Abdilla, Anthony Buttigieg, Roberto J. Buontempo, Dr. Josianne Cardona Gatt, John Mary Calleja, , u Mary Spiteri Shaw. Il-Kunsilier Dr. George Debattista ivvota kontra minhabba diversi ragunijiet.

Hawnhekk is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li min qed imur jghid li l-Kunsill hu fallut, hu bnieden irresponsabbli. Hu qal li qabel jghid hekk din il-persuna ghandha ticcekkja l-affarijiet kollha. Is-Sindku qal li fi zmien disa' xhur ohra din il-persuna tinghata risposta. Hawnhekk qam **argument** bejn is-Sindku u l-Kunsillier Dr. George

Debattista fejn Dr. Debattista irrefera ghal-lista dwar patching li ghad baqa' jsir. Is-Sindku wiegeb li ma setax jifhem kif il-Kunsillier Dr. George Debattista kien qed jivvota kontra ghal diversi xogholijiet li kien approva hu, u talab hu stess li sabiex issir ix-xoghol imsemmi (Dr. G. Debattista)

## 5 Approvazzjoni tal-Lista tal-Flus Kontanti

Il-lista tal-Flus Kontanti tal-perjodu mit-13 ta' Frar 2008 sad-9 ta' April 2008 kienet tqassmet lill-kunsilliera kollha ma' l-agenda u ttiehdet bhala moqrija. Il-lista giet approvata bi tmien voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami u sekondati mill-Kunsillier is-Sur Mark Abdilla. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera Mark G. Abdilla, Anthony Buttigieg, Roberto J. Buontempo, Dr. Josianne Cardona Gatt, John Mary Calleja, Dr.George Debattista, u Mary Spiteri Shaw.

## 6 L-Immanigjar tas-Suq fil-Berah f'Birkirkara

Qabel bdiet id-diskussjoni s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li l-Kunsilliera s-Sinjorina Charlene Camilleri kienet infurmat lis-Segretarju Ezekuttiv illi hi ma setatx tigi ghal-laqgha tas-Sotto Kumitat minhabba li fl-4.30pm hi tkun ghadha xoghol. Hi kienet qed tissuggerixxi sabiex il-laqgha tas-sotto Kumitat issir izjed tard.

Wara s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qassam kopja tal-minuti tal-laqgha tas-Sotto Kumitat ghall-Immanigjar tas-Suq f'Birkirkara li saret nhar il-Gimgha 18 ta' April 2008. Saret diskussjoni fejn fost l-ohrajn issemma l-bzonn li l-monti jibda' jarma' darba fil-gimgha, issemmiet il-problema tal-hmieg li jithalla wara li jzarma s-suq u l-ispejjez relatati mieghu, l-inkonvinjent li qed jinholoq lir-residenti, lill-haddiema u servizzi relatati mac-Centru Civiku, u lil dawk kollha li ghandhom il-garaxxijiet. Hawnhekk is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ppropona li bhala membri fis-Sotto Kumitat ikun hemm rapprezentant mill-GRTU, u mill-Protezzjoni Civili. Hu ppropona wkoll li l-Kunsilliera Dr. Josianne Cardona Gatt, u s-Sur Mark G. Abdilla jkunu wkoll membri fuq dan is-Sotto Kumitat. Dak li ppropona s-Sindku gie approvat bi tmien voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami u sekondati mill-Kunsillier is-Sur Mark Abdilla. Dawk li vvutaw favur kienu s-Sindku Michael Fenech Adami, u l-Kunsilliera Mark G. Abdilla, Anthony Buttigieg, Roberto J. Buontempo, Dr. Josianne Cardona Gatt, John Mary Calleja, Dr.George Debattista, u Mary Spiteri Shaw.

## 7 Korrispondenza

Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghamel riferenza ghall-korrispondenza li kienet tqassmet lill-Kunsilliera kollha ma' l-agenda .

7.1 Ittra bid-data tat-12 ta' Frar 2008 minghand il-Kap ta' l-Iskola Primarja 'Anthony Valletta', is-Sinjura J. Gatt. Hawnhekk is-Segretarju Ezekuttiv ghamel riferenza ghall-email li kienet intbghatet mill-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg. Fl-email il-Vici Sindku qalet li hi kienet taqbel u tissuggerixxi li l-Kunsill ghandu jippartecipa u jikkontribwixxi ghal din il-proposta. Hawnhekk saret diskussjoni fost il-membri prezenti fejn il-Kunsillier is-Sur Mark. G. Abdilla qal li l-Kunsill kien ghadu kif applika ghal-Progett ta' l-UE fuq l-istess affarijiet imsemmija fl-ittra. Hu kompla jghd li jekk l-applikazzjoni tigi accettata min-naha ta'-UE ser igawdu minnha l-iskejjel kollha. Hawnhekk is-sindku nkariga lil Kunsillier is-Sur Mark Abdilla sabiex jikteb lill-iskola nkwistjoni u jinforma dwar dan. Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

7.2 Ittra bid-data ta' l-4 ta' April 2008 minghand il-Ven. Socjeta Dun Filippu Borgia.

7.3 Rapport dwar l-ilmenti li gew irregistrati fl-ufficcju tal-*Customer Care* tal-Kunsill ghall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Marzu 2008.

Hawnhekk il-Kunsilliera s-Sinjura Mary Spiteri Shaw talbet li tigi skuzata. Hi harget mill-kamra ghall-habta tas-7:30pm

BIRKIRKARA

## 8 Hwejjeg Ohra

8.1 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx ghadu jinsab f'*defecit* jew le ? Is-Sindku wiegeb li risposta ghal din il-mistoqsija kienet ser tinghata fil-laqgha li jmiss. Dan minhabba li l-laqgha li jmiss kienet ser tkun dedikata ghall-finanzi, fejn hu mistenni li jigu pprezentati r-rapporti kollha finanzjarja mill-accountant tal-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll l-finanzjament tal-maggor parti tal-progetti li qed isiru fil-prezent, il-Kunsill kien ser idahhal il-finanzi ghalihom. Hu semma wkoll li ghal progett ta' Triq is-Salib Imqaddes il-Gvern kien ser jaghmel tajjeb ghal parti sostanzjali mill-ispiza.

8.2 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg ssuggerixxa li tigi organizzata bis-sinjali tat-traffiku, l-pjazzetta li hemm hdejn Block C1 fil-*Housing Estate* f'Ta' Paris. Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

8.3 Il-Kunsillier is-Sur Jimmy Calleja staqsa ghalxiex kienet qeghda tintuza l-karozza li kera l-Kunsill xhur ilu. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li din kienet qeghda tintuza mis-*Survellaince officer*, minnu u mis-Segretarju ghax-xoghol tal-Kunsill.

8.4 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg ghamel riferenza ghall-ittra li kienet intbghatet lilu mill-Kunsill. Hu staqsa minghand min konna rcevejniha ?. Is-Sindku wiegeb li l-ittra li kien qed jirreferi ghaliha l-Kunsillier konna rcevejniha minghand l-AKLM.

8.5 Il-Kunsillier is-Sur Mark G. Abilla ilmenta ghat-traffic jam li kien qed ikun hemm fi Triq Fleur-de-lys in-naha tar-*roundabout.* Hu irrefera wkoll li d-dawl ta' taht l-akkwadott in-naha ta' l-ex technical shool ma kienx gie komplut mill-PW. Dwar l-ewwel ilment is-Sindku wiegeb li l-Kunsill kien ser jiddiskuti l-materja mal-Kunsill Lokai ta' Santa Venera. Dwar it-tieni lment is-Sindku qal li minn informazzjoni li hu kellu, x-xoghol mehtieg mill-P.W. kien ser isir fil-granet li gejjien.

8.6 Il-Kunsilliera Dr. Josianne Cardona Gatt ghamlet riferenza ghal dawn is-segwenti :-

a Staqsiet, meta triq il-Vaguni kienet ser issir *One way* 'l isfel ? Is-Sindku wiegeb li xoghol kien ippjanat ghal gimgha d-diehla,

b Talbet li tinzebagh ir-'*Reserved Parking'* tal-Kazin tal-Banda li jinsab fi Triq il-Wied. Is-Sindku wiegeb li s-Segretarju tal-Kazin ghandu jghaddi l-ilment lill-ADT,

c Staqsiet min kien ghamel ir-*refurbishing* ta' blokka flats fi Triq Dun Mauro Inguenez. ?. Is-Sindku qal li dan ma sarx mill-Kunsill u l-anqas hu l-kompitu tal-Kunsill li jaghmel dan it-tip ta' xoghol,

d Issuggerit li *dustbin* li hemm fuq bankina fi Triq Psaila k/m Triq G. Dimech Debono ghandu jitnehha/jitressaq minhabba li peress li mieghu qed jitpogga skart bulky is-sewwieqa li johorgu mnn triq G. Dimech Debono qed isibuha difficcli biex jaraw minn ikun gej minn Triq Psaila. Gie issuggerit ukoll li titpogga mera in-naha tax-showroom tal-Fiat. Is-Sindku qal li konna ser nghaddu suggerimenti lill-ADT.

e Li s-Sur Michael Chetcuti kien lest li jasal ghal ftehim dwar il-kawza li hu ghandu kontra l-kunsill. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li f'dawn l-ahhar gimghat hu kien ircieva email minghand is-Sur Chetcuti fejn dan kien infurmah li hu (s-Sur Chetcuti) kien ftiehem mas-Sindku ta' dak iz-zmien, is-Sinjura Doris Borg, li l-Kunsill kien lest li jwaqqaf il-kawza u jhallas ghall-ispejjes. Is-Sindku ssuggerixxa li l-kaz ghandu jitressaq quddiem il-laqgha tal-Kunsill fil-laqghat li jmiss.

f Li l-Kazin tal-Banda Duke of Connaught kienu qed jippjanaw li jaghmlu attivita/festa kulturali gewwa Birkirkara. Hi ssuggerit sabiex din issir bil-kollaborazzjoni u jhallas ghaliha l-Kunsill. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li l-Kunsill ma jistax jidhol ghal dan it-tip ta' *commitment.* Hu ssuggerixxa

sabiex il-Kunsill jara x'tip ta' fondi jista jgib mill-UE ghal dawn it-tip ta' attivitajiet, imbghad jinforma bihom lill-ghaqdiet interessati. Fuq dan kien hemm qbil unanimu mill-membri kollha prezenti.

8.7 Il-Kunsillier Dr. George Debattista talab li fil-laqgha li jmiss s-Sindku jghid kemm gej jiswa Sqaq / Triq Santa Liena? Hu staqsa wkoll meta kien ser jibda x-xoghol fuq l-isqaqien ta' Triq Has-Sajjied u kemm kien ser jswa l-istess xoghol?

Hawnhekk is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Joseph Tabone ghal darba ohra rega' gibed l-attenzjoni biex il-Kunsill jirregola l-infieq tieghu. Hu (SE) sostna li l-Kunsill m'ghandux jidhol ghall-ebda spiza kapitali jew *commitment* iehor sakemm il-finanzi tal-Kunsill ikunu fis-sod. Is-Segretarju Ezekuttiv rega sostna li ma jistax ikun li l-Kunsill jaghmel progetti godda u fl-istess hin jirregola l-infieq.

8.8 Il-Kunsillier Dr. George Debattista qal li l-*patching* ma kienx qed isir skond l-istandards. Hu qal li dwar dan ix-xoghol il-Kunsill kien qed jissogra li jigi attakkat mill-bord imwaqqaf mill-Ministru Austin Gatt. Hu sostna li l-Kunsill m'ghandux ihallas ghal xoghol hazin li jsir. Hawnhekk is-Sindku s-sur Michael Fenech Adami qal li xoghol kollu li jsir jigi iccertifikat mill-Perit/*Contract Manager* tal-Kunsill.

8.9 Il-Kunsillier Dr. George Debattista talab aktar informazzjoni fuq l-applikazzjonijiet li kienu hargu fil-prezent dwar il-korsijiet tal-kompjuter, fejn l-applikanti gew mitluba li jhallsu €30. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami wiegeb li l-korsijiet li kien qed jirreferi ghalihom Dr. Debattista kienu qed jigu organizzati mit-TCTC u mhux mill-Kunsill.

**9 Eghluq**

Bil-permess tal-membri prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghalaq il-laqgha. Il-hin kien it-7.59p.m.

Joseph Tabone
**Segretarju Ezekuttiv**

Michael Fenech Adami
**Sindku**